MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta ta' 07 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 345/1997/1

Ronald Azzopardi
vs
Kummissarju tal-Pulizija

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta:

1. Illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995, u b'mod izjed preciz fl-1992, ir-rikorrent sofra ingustizzja konsistenti fi 'transfer' ingust.

2. Illi r-rikorrent kien ingagga fil-Korp tal-Pulizija fl-1974, dejjem qeda dmiru bl-ahjar mod possibbli, bl-akbar dedikazzjoni u onesta, u qatt ma kien hemm rapporti negattivi fil-konfront tieghu.

3. Illi fl-1 ta' Lulju, 1992, ir-rikorrent kien xoghol fuq 'night shift' fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta fejn kien stazzjonat.

Ir-rikorrent beda xoghol ghall-habta tad-9.00pm, u kien qed jaghmel xi telefonati dwar fuq kollizjoni li kien qed jahdem fuqha u fl-istess hin, il-WPC 86, li kienet xoghol ukoll, kienet qed iccempel fuq xoghol ta' 'detail' u tqassim ta' ghases.

4. Illi gara li minhabba f'hekk, il-'Control Room' tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija, li kienu qed jippruvaw jaqbdu ma' l-Ghassa tal-Mosta in rigward ta' rapport dwar karozza suspettuza li kien hemm lejn Fort Road, Mosta, ma rnexxielhomx jaghmlu kuntatt telefoniku.

5. Illi r-rikorrent hareg jixtri xi haga minn faccata ta' l-Ghassa, u f'dak il-mument sar kuntatt bir-radio, u wiegbet allura WPC86. Ir-rikorrent ha l-messagg dwar il-vettura suspettuza minghand WPC86, u cempel minnufih l-Ghassa tal-Qawra (fejn kien hemm l-uniku karozza tas-servizz pertinenti tad-Distrett) biex jibaghtu karozza immedjatament, u qalilha wkoll li hu kien ser jibda miexi fid-direzzjoni tal-post fejn gie rapportat li kien hemm din il-karozza.

6. Illi fl-Ghassa tal-Mosta l-unika vettura li kien hemm kienet dik assenjata lis-Supretendent Suda li kien ta struzzjonijiet stretti biex ghall-ebda raguni ma jsir ebda uzu minnha.

7. Illi x'hin ir-rikorrent kien sejjer lejn il-lok in kwistjoni, tfacca fl-Ghassa s-Sur George Grech, dak iz-zmien Deputat Kummissarju, li evidentement kien sema' l-messagg fuq ir-radio, u beda jindirizza abbuzi nfondati fid-direzzjoni ta' WPC86 u tar-rikorrent, anke akkuzi ta' komplicita mal-kriminali.

8. Illi r-rikorrent spjega lis-Sur Grech x'passi kien ha, u cioe li kien cempel lill-Ghassa tal-Qawra biex jibaghtu karozza, u spjega wkoll ghaliex ma kienx uza l-karozza tas-Sur Suda. Is-Sur Grech cempel l-Ghassa tal-Qawra u sab li x-xufier tal-karozza tad-Distrett, PC1548, kien ghadu ma telaqx mill-Qawra.

9. Illi fil-jiem sussegwenti, saret indagini li minnha l-awtoritajiet tal-Korp tal-Pulizija kkonkludew li ma kien hemm ebda irregolarita da parti tar-rikorrent izda kellhom jibdew proceduri dixxiplinarji biss kontra PC1548.

10. Illi minkejja dan, ir-rikorrent gie trasferit l-ghada stess mill-Ghassa tal-Mosta ghall-Ghassa tal-Belt. PC1548 baqa' l-Ghassa tal-Qawra.

11. Illi f'dak il-perjodu, ir-rikorrent kellu problemi familjari enormi - bintu t'erba' snin kienet marida serjament, kienet tirrikjedi interventi specjali u tqatta' perjodi twal l-isptar, u certament li t-transfer mill-Mosta (fejn ir-rikorrent kien ighix) ghall-Belt zied mhux ftit il-pressjoni tremenda li kien hemm fuq ir-rikorrent.

12. Illi minkejja diversi tentattivi li ghamel ir-rikorrent biex jipprotesta l-innocenza shiha tieghu u biex jikseb rimedju, r-rikorrent ma nghata ebda widen. Dan kollu kellu effett anke fuq sahhtu. Kellu johrog bis-'sick leave'. Meta rritorna lura x-xoghol, sab li kien qala' 'transfer' iehor. Spicca 'boarded out' mill-Pulizija f'April, 1993, u ftit wara, bintu mietet.

13. Illi r-rikorrent rega' dahal jahdem fil-Korp tal-Pulizija f'April, 1996; huwa tilef is-'seniority' u sofra tnaqqis fil-paga.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi l-kaz tieghu skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jinghata s-'seniority' kollha illi huwa tilef u z-zmien li ghamel barra mill-Korp tal-Pulizija, ghar-ragunijiet esposti, jigi kkonsidrat bhala parti mis-servizz jew, f'kaz li tali rimedju ma jistax jinghata, jigi ordnat li r-rikorrent jithallas kumpens f'dak l-ammont tal-massimu stabbilit mill-ligi likwidat mit-Tribunal.

Ra l-lista ta' xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li eccepixxa:

Illi jigi rilevat li fl-1 ta' Lulju, 1992, f'xi 9.40pm fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija dahlet informazzjoni li f'lokalita` li kienet indikata bhala hdejn ta' Gatt Brothers kien hemm karozza b'xi persuni fiha li kien hemm suspett li kien sejjer isir xi rejat kriminali.

Illi f'dak il-hin, il-Pulizija li kien ircieva din l-informazzjoni pprova, kif fil-fatt ghamel, ikkuntattja permezz tar-radju ma' l-Ghassa tal-Mosta u wara li kien ghaddilhom l-informazzjoni taghhom struzzjonijiet sabiex jiehdu passi mmedjati.

Illi f'dak il-hin l-intimat li kien qieghed jivvjagga fil-karozza u ghalhekk sema' l-messagg li kien ghadda permezz tar-radju mill-Kwartieri Generali ghall-Ghassa tal-Mosta, ghadda l-Ghassa tal-Mosta sabiex jara x'azzjoni kienet ittiehdet.  Malli l-intimat dahal l-Ghassa tal-Mosta sab lir-rikorrent li kien is-surgent ta' l-Ghassa dak il-hin b'gelat f'idu.  L-intimat stabbilixxa wkoll li sa dak il-hin l-ebda azzjoni dwar il-karozza suspettuza ma kienet ittiehdet minn naha tal-Mosta.

Illi fit-3 ta' Lulju, 1992, ir-rikorrent gie trasferit ghall-Ghassa tal-Belt u tlett ijiem wara hareg bis-sick leave b'dipressjoni.  Wara li fis-7 ta' Settembru, 1992, it-tabib kuranti tieghu ccertifika lir-rikorrent bhala mfejjaq rega' dahal ghax-xoghol.

Illi fil-31 ta' Jannar, 1993, ir-rikorrent rega' hareg bis-sick leave ghal darba ohra b' dipressjoni.  Gie riferut sabiex jigi ezaminat minn Bord Mediku mahtur mid-Dipartiment tas-Sahha.  Dan il-Bord Mediku ccertifika li r-rikorrent kien qieghed isofri minn dipressjoni u ma kienx tajjeb biex ikompli fis-servizz.  Ir-rikorrent fit-28 ta' Marzu, 1993, talab sabiex jirtira mis-servizz minhabba ragunijiet ta' sahha.

Illi fit-23 ta' Awissu, 1995, ir-rikorrent talab sabiex jerga' jigi reinstated fil-Korp tal-Pulizija u wara li gie ccertifikat minn Bord Mediku wkoll mahtur mid-Dipartiment tas-Sahha bhala li kien tajjeb sabiex jaqdi dmirijietu fil-Korp u rega' gie reinstated.

Ghalhekk, l-intimat issottometta li t-trasferiment mill-Ghassa tal-Mosta ghal dik tal-Belt ma kkaguna l-ebda sofferenza indebita jew bdil tar-residenza lir-rikorrent u kien iddettat minn esigenzi ta' mobilita` fil-Korp oltre li huwa inaccettabbli fi kwalunkwe relazzjoni ta' mpjieg li r-rikorrent jippretendi li kellu xi dritt li jahem fil-vicinanzi immedjati tad-dar fejn joqghod.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Xehed ir-rikorrent li kkonferma l-kontenut tar-rikors. Spjega li l-karozza li kien hemm tas-Superintendent Suda kellhom struzzjonijiet stretti biex ma juzawhiex minghajr permess tieghu u kien hemm divisional car wahda. Qal li cemplu l-Qawra immedjatament biex jibghatulu karozza. Qal li wara dan dahal George Grech li dakinhar kien Deputat Kummissarju b' tghajjir u akkuzi fil-konfront taghhom. L-ghada r-rikorrent gie trasferit l-ghassa tal-Belt, is-Supt Suda u s-Surgent tal-Qawra l-ghassa ta' Bormla u d-driver tas-Supt Suda d-Depot. Huwa qal li f'kaz ta' nuqqasijiet suppost li jittiehdu proceduri ta' investigazzjoni u mhux ikun hemm transfer. Qal ukoll li minhabba t-trasferiment li qala' giet affettwata s-sahha fizika u mentali tieghu. Semma li kellu tifla marida.

Xehdet Jacqueline Barbara WPC 86 li qalet li fl-1 ta' Lulju 1992 kienet stazzjonata l-Mosta u r-rikorrent kien is-Surgent taghha. Qalet li filwaqt li kienu fuq xoghol l-ghassa u s-surgent hareg jixtri zewg gelati rciviet telefonata li qalet li kien hemm karozza suspettuza f'Fort Road. Qalet li kien hemm il-karozza tas-Supt. Suda izda din kellhom struzzjonijiet biex ma juzawhiex u ghalhekk ir-rikorrent kien se jaqbad sejjer bil-mixi meta dahal fl-ghassa fil-pront George Grech dak iz-zmien id-Deputy

Commissioner. Beda jghidilhom li ma kienu qed jaghmlu xejn. Imbaghad wasal ix-xufier bil-karozza mill-Qawra li kienu baghatu ghalih xi ftit qabel. Qalet li meta dahlet ghax-xoghol l-ghada tal-incident is-Surgent kien lahaq telaq il-Belt fejn kien intbaghat u kienet semghet li x-xufier tal-Qawra Victor Theuma kien gie sospiz u kienu ser jittiehdu proceduri dixxiplinari kontrieh.

Xehed PS 1393 Carmel Azzopardi li qal li f' Lulju 1992 kien Surgent fl-Ghassa tal-Qawra. Kompla jghid li kien xoghol fil-lejl tat-2 ta' Lulju 1992. Kien xoghol u ftakar li rcevew telefonata mill-Ghassa tal-Mosta fejn intalbet il-vettura li dak il-hin kienet barra ghand P.C. 1548. Ircieva telefonata ohra mill-Ghassa tal-Mosta u ghalhekk mar jistenna lil P.C. 1548 fil-bieb u malli wasal b' pakkett take away u baghatu qal li kien arroganti fit-twegiba tieghu u ma riedx imur ghax ried jiekol hu l-ewwel anke jekk jibghat ghalih Alla. Hu qal li l-ghada gie trasferit l-Ghassa ta' Bormla, sar jaf li r-rikorrent gie trasferit il-Belt u li P.C. 1548 kien gie sospiz. Qal li jaf li P.C. 1548 kien Ghawdxi u xi zmien wara l-incident kien gie trasferit jahdem Ghawdex.

Xehed is-Supretendent Ronald Kelly li qal li ttiehdu mizuri dixxiplinari P.C. 1548 Theuma. Zied li l-proceduri twaqqfu minhabba amnestija li naghtat mill-Kummissarju tal-Pulizija fil-hatra tieghu, mhux ta' Theuma biss izda c-charges kollha pending gew mahfura. Qal li P.C. 1548 kien Ghawdxi u li meta messu mar Ghawdex. Qal li ma ttiehdux proceduri dixxiplinari kontra r-rikorrent jew ohrajn dak in-nhar u kkonferma li l-ghada tal-incident gew trasferiti r-rikorrent u s-Supt. Suda. Qal li r-rikorrent kien hareg bis-sick leave u jiftakar li kien kellmu izda ma jiftakarx dettalji. Zied jghid li r-rikorrent kien medically unfit fl-1993 hekk kif jidher mir-records. Zied jghid ukoll li t-transfers kien jiddecidihom l-Kummissarju tal-Pulizija u li hija d-diskrezzjoni tal-Kummissarju u mhux bilfors tinghata raguni.

Esebixxa dokument li juri li r-rikorrent kien talab li jigi rilaxxjat minn mal-Korp tal-Pulizija biex ikun jista' jigi trasferit mal-Armata imma din it-talba ma ntlaqghetx mill-

Armata. Esebixxa dokument fir-rigward tat-talba tar-rikorrent minhabba t-tifla tieghu u din jidher li kienet giet akkordata.

Xehdet Dr Maria Sciberras in rapprezentanza tas-Supretendent ta' l-Isptar li l-grad taghha huwa Medical Administrator li qalet li Denise Azzoppardi kienet dahlet l-isptar fl-1988 u nstab li kellha cystic fibrosis of the pancreas u kien beda jintalab trattament specjali. Hi qalet li din il-kundizzjoni hija kundizzjoni serja hafna. Qalet li dan kien kaz kumplikat li t-tifla damet hafna diehla u hierga l-isptar u li jidher li kien hemm xi hadd attached maghha l-hin kollu. Hija qalet li t-tifla mietet f' Ottubru 1993.

Xehed George Grech bhala Kummissarju tal-Pulizija li qal li fl-1 ta' Lulju 1992 meta kien sejjer id-dar lura mix-xoghol sema' diskursata fuq ir-radio li wara r-rapport li kien sar kienet qed issir serqa u kien hemm bzonn li jintbaghatu karozzi tal-Pulizija specjalment peress li kien hemm xi nies suspetti. Huwa kien mar l-ghassa personalment u hemm ra li kien hemm karozza pparkjata barra li kienet tas-Supretendent u fl-ghassa kien hemm is-Surgent Azzoppardi jiekol gelat. Kien hemm kuntistabbli mara wkoll fl-ghassa. Dawn qalulu li ma marrux fuq il-post ghax ma kellhomx karozza. Wara kien iccekkja ghaliex ma ntbaghatitx il-karozza mill-Ghassa tal-Qawra. Qal li huwa dover immedjat tal-pulizija fl-ghassa li meta jidhol rapport jitilqu immedjatament u jmorru fuq il-post u f' kaz li ma jkunx hemm karozza jmorru bil-mixi. Huwa kkonferma li r-rikorrent kif ukoll is-Supretendent u x-xufier tieghu kollha gew trasferiti u ttiehdu passi dixxiplinarji kontra P.C. 1548 Theuma u li meta lahaq Kummissarju hafer il-crimes pendenti kollha. Qal li staqsa lis-Surgent dak in-nhar ghaliex ma kienx mar fuq il-post. Qal ukoll li s-Surgent hu dak li hu responsabbli tal-membri tal-Korp li jaqghu tahtu u tal-andament taghhom.

Xehdet WPS 97 Carmen Zammit li qalet fl-1 ta' Lulju 1992 kienet stazzjonata l-control room id-Depot. Kienet irceviet telefonata anonima dwar il-possibbilta` ta' serqa. Hi kienet ippruvat tinforma l-Ghassa tal-Mosta izda l-linji

kienu okkupati l-hin kollu. Ghalhekk infurmat lil tar-radio u minn naha tal-Mosta kienu nfurmawha li l-linji kienu okkupati. Ziedet tghid li hi kienet ghamlet statement ukoll dwar dan il-kaz.

Xehed Dr. Carmel Sciberras tabib fil-Korp tal-Pulizija mill-1992 li qal li meta persuna jkun sejjer jghaddi mill-bord hu jkun prezenti. Hu kien prezenti f' zewg boards tar-rikorrent. Deher fl-1993 biex jigi boarded out peress li kien medically unfit u fl-1995 biex jigi re-instated mal-Pulizija u jigi dikjarat medically fit. Qal li r-rikorrent kien irtira mill-Korp wara medical board. Qal li dan kien qed ibati minn reactive depression. Qal ukoll li r-rikorrent kien gie dikjarat medically fit u b' effett u gie re-instated b' effett mill-4 ta' Marzu 1996.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrent tikkoncerna l-fatti fuq imsemmija u r-rikorrent qieghed jitlob li s-seniority kolha li huwa tilef u z-zmien li ghamel barra mill-Korp jigu kunsidrati parti mis-servizz. It-Tribunal ma ghandu ebda ezitazzjoni biex jghid li dan kollu ma jaghmel ebda sens u li ma tirrizulta ebda ingustizzja kif definita fil-Kap 394. L-ewwelnett jidher li t-transfer tar-rikorrent kien wiehed gustifikat. Ma jista' qatt jippretendi r-rikorrent li waqt serqa ghaddejja hu jkun gustifikat li minnflok ma mar fuq il-post, minnflok mar igib zewg gelati ghalieh u ghal WPC li kien hemm fl-ghassa. Dan huwa nuqqas ta' sens ta' dover li certament l-awtoritajiet ghamlu sewwa meta hu nghata t-trasferiment. L-unika gustifikazzjoni li jista' jsib dan it-Tribunal hija l-kundizzjoni gja batuta ta' bintu u t-tragedja konsegwenti. Biss dan certament ma jistax iwassal biex it-Tribunal jiddikjara li saret ingustizzja meta hu gie trasferit. Certament ma saret ebda ingustizzja meta r-rikorrent spicca mill-Korp wara li ghadda mill-medical board u ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax isib lill-intimat hati li ghamel xi ingustizzji. Jekk ma tirrizultax l-ingustizzja b' ebda mod ma tista' tigi milqugha t-talba tar-rikorrent. Il-fatti l-ohra li pulizija iehor kien aktar mohhu fit-"take away" u li pulizija gie trasferit Ghawdex propju fil-post fejn ried imur m' ghandhomx konnessjoni mal-allegata ingustizzja in ezami.

Minhabba s-suespost it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Spejjez kontra r-rikorrent.